SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SEBA' KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 02-15**

Illum It-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Terrence Ellul, il-Viċi Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera: Liam Sciberras, Caroline Galea u Joe Bonello. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 01-15 li saret nhar it-Tlieta, 5 ta' Mejju 2015 ġew moqrija u approvati.

### *1.1 Kummenti*

Il-Kunsillier Joe Bonello irrefera għall-minuta 4.3 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-kumment dwar l-isem taż-żewg partiti ewlenin ma kienx f'waqtu dak il-ħin għax kienet qed issir korrezjoni fuq il-Kunsill ta' qabel dan.

Hawnhekk is-Sindku rrimarka li l-Kunsill għandu jħalli l-partiti politiċi barra waqt il-laqgħat tal-Kunsill.

Il-Viċi Sindku qal li l-Partit Laburista fl-Ewropa jopera fi ħdan żewġ organizzazjonijiet, fil-Parlament Ewropew jopera fis-Social & Democrats u fil-Kumitat tar-Reġjuni jopera fi ħdan il-Partit Soċjalista Ewropew. Huwa qal li ma kienetx *fair* li waqt laqgħa tal-aċċettazzjoni tal-kariga tas-Sindku u Viċi Sindku tqajjem dan l-argument. Huwa qal li kien jaqbel mas-Sindku mija fil-mija.

Il-Kunsillier Sciberras wieġeb li hu jħoss li jkun aktar agħar jekk ma nitkellmux.

Il-Kunsilliera Galea qalet li l-punt ġie nutat u issa nistgħu nmexxu.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn is-17 ta' April 2015 u d-19 ta' Mejju 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

0419-15-O – Supretendent Għassa tal-Pulizija Raħal Ġdid – Sparar tal-festa ta' Maria Annunzjata f'Ħal Tarxien.

#### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0192-15-I - Valletta Lions Rugby Academy – *Introducing Rugby to Young Kids*
- 0362-15-I – Dipartiment tal-Propjeta tal-Gvern – Garaxx numru 11 fi Triq id-Dawl, Santa Luċija
- 0364-15-I – Global Compact Cities Programme - Urbact 111 *Draft Proposal*
- 0338-15-I – Reġjun Nofsinhar – Kampanja Edukattiva – Gwardjani Lokali

- 0391-15-I – Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – *Circular* LGA 22-2015: *Shared Spaces in Urban Areas – Improving the Urban Environment*
- *0*393-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo10-2015: Għajnuna Finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija Lokali
- 0421-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Kors: Għaqal fid-Dar-Ħajja Aħjar
- 0437-15-I – Funding at Meusac - Sejħa għall-proposti fis-settur turistiku
- 0441-15-I – Cabinett Secretary at OPM – Kunsill Lokali Santa Luċija
- 0442-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – *Cultural Activities Information Seminar*
- 0443-15-I – Kunsill Malti għall-Arti – Kalendarju Kulturali
- 0444-15-I – Saint Joan Antide Primary School – SJA Seminar – Chinese Garden
- 0445-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 11-2015: Skema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi
- 0446-15-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Peter Seraccino Inglott Award
- 0449-15-I – Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali – CCF – *Community Work*
- 0450-15-I – 2 Minds Events – Attivita' fi Gnien is-Serenita'
- 0452-15-I – Ingliż Residenti Malta – *Friends of the Garden Project*
- 0525 -15-I – Student ta' l-MCAST – *Proposal for Music Video Filming*

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- ***SLLC Memo 7-2015 - L-Ewwel Laqgħa tal-Kunsill***
- ***SLLC Memo 8-2015 - Ħlasijiet lill-Kuntrattur Ricky Caruana***
- ***SLLC Memo 9-2015 - Kwotazzjoni għall-refreshments wara l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kunsill - 5 ta' Mejju 2015***
- ***SLLC Memo 10-2015 - Ħruq ta' nar ta' l-ajru fl-okkazzjoni tal-festa ta' Maria Annunzjata ċċelebrata f'Ħal Tarxien***
- ***SLLC Memo 11-2015 - Laqgħa ta-Kunsill 02-15 - Ftuħ ta' Tenders-SS(57-15-01)***

- ***SLLC Memo 12-2015 - Tindif ta'l-injam tal-pavillons u kuruturi fi Ġnien is-Serenita'***
  ***- Pasta night fi Ġnien is-Serenita'***

- **Ministeru Għall-Familja u Solidarjeta Soċjali:**
  **Ir-Rapport Nazzjonali fuq is-Sitwazzjoni ta-Droga f'Malta 2012**
  **Ir-Rapport Nazzjonali fuq is-Sitwazzjoni ta-Droga f'Malta 2014**

- **Kummissjoni Nazzjonal Presuni B'Diżabilita' – Rapport Annwali 2014**

**3. PUNTI MQAJMA**

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0192-15-I, il-Kunsill innota l-proposta ta' Valletta Lions Rugby Academy u qabel li jilqa' it-talba ta' dan il-Klabb biex jiltaqa' ma' l-Kunsill.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0362-15-I, il-Kunsill aċċetta r-reviżjoni tal-kera għall-Garaxx 11 fi Triq id-Dawl, kif proposta mid-Dipartiment tal-Propjeta' tal-Gvern. Il-Kunsill innota li din iż-żieda tammonta għall €436.36 fis-sena biex il-kera għoliet minn €308.64 għall €745.00 u qabel li dan il-garaxx huwa bżonjuż u utili għaldaqstant il-Kunsill ma jistax itemm din il-kirja.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0364-15-I innota l-korrispondenza tal-Global Impact Cities Programme u l-proposta tal-proġett Urbact 111. Il-Viċi Sindku qal li kien ser ikellem lil Dr Malcolm Borg biex jara eżattament x'tinvolvi.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0388-15-I il-Kunsill iddiskuta l-kampanja Edukattiva – Gwardjani Lokal – Infurzar b'Edukazzjoni u ġie propost li l- gwardjani lokali jintbagħtu fit-Triq tal-Barrani fil-ħinijiet ta' l-iskola peress li tfal minn Santa Luċija, li jridu jaqsmu biex jattendu l-iskola primarja ta' Hal Tarxien kemm il-darba ġew innutati li jaqsmu minn ġot-traffiku minflokk jużaw is-*subway* jew il-*lights*. Il-Kunsill kien tal-fehma li kampanja edukattiva f'dan ir-rigward tista' tkun ta' benefiċċju biex jonqos il-periklu għal dawn it-tfal.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 391-15-I il-Kunsill iddiskuta Ċirkulari dwar *shared spaces* f'żoni urbani u qabel li fil-lokalita' ta' Santa Luċija diġa hemm *pedestrian areas.*

**3.6** B'referenza għall-korripsondenza bin-numru 0421-15-I il-Kunsill qabel li jikkollabora biex fil-lokalita' ta' Santa Luċija jsir kors bl-isem: 'Għaqal fid-Dar Għall-Ħajja Aħjar', li ġie nfassal bħala kollaborazzjoni konġunta bejn MFSS u MJCL-PS. Ġie nutat li dan il-kors ser jingħata mill-*lecturers* fi ħdan l-Assoċjazzjoni tal-*Home Economics*.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0437-15-I il-Kunsill iddiskuta korrispondenza mibgħuta mill-Meusac dwar sejħa għall-proposti fis-settur turistiku. Ġie nutat li l-massimu ta' kofinanzjament Ewropew se jkun ta' 75%. Issemmew xi proposti b'tema turistika bħal ma huwa *sport* u *wellness*, u saret referenza għall-Proġett tal-*Jogging Track* u x-xiri ta' *fitness equipment* għall-anzjani u l-involviment ta' SMEs li jaħdmu fis-settur turistiku. Il-Kunsill qabel li jitlob gwida mill-espert fuq fondi mill-Unjoni Ewropea, Dr Malcolm Borg fuq liema proposti jista' jressaq il-Kunsill għal din is-sejħa.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0441-15-I il-Kunsill iddiskuta l-*feedback* mill-Uffiċċju tad-Direttur Generali fl-Uffiċċju tal-Kabinet dwar il-proġetti tal-Kunsill li ġew ippreżentati fil-laqgħa tal-kabinet li saret f'Jannar 2015 fir-Reġjun Nofsinhar.

- Dwar it-talba fuq il-proġett ta' *resurfacing* tal-*Jogging Track* il-Kunsill intalab biex jagħmel kuntatt ma' GAL Xlokk dwar il-finanzjament ta' dan il-proġett taħt il-programm LEADER.

- Dwar il-proġett ta' *underground garages* il-Kunsill ġie nfurmat li din il-*parking site* qed tiġi kkunsidrata fil-pjan nazzjonali li qiegħed jitħejja. Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa jekk kienx sar studju dwar fejn ser jipparkjaw in-nies sakemm isir dan il-proġett. Il-Viċi Sindku qal li dan il-proġett diġa huwa approvat mill-Kunsill ta' qabel. Il-Kunsillier Bonello irrefera għal dak li qal il-Kunsillier Sciberras u qal li b'dan ir-raġunament il-Kunsill seta ma għamilx *resurfacing* ta' toroq u rrefera għall-triq Ġuljetta Lopez.

- Dwar il-proġett ta' *dressing rooms* fejn il-*5-a-side football pitch*, il-periti fl-MTI qed jaraw jekk fuq l-*area* indikata mill-Kunsill jistux jinbnew *dressing rooms.*

- Fir-rigward tal-proġett taz-zuntier tal-knisja l-Kunsill ġie nfurmat li dan ix-xogħol bħalissa qiegħed fl-istadju ta' disinn.

Saru xi kummenti mill-Kunsill dwar dan il-*feedback*. Il-Viċi Sindku kkummenta fir-rigward tal-*Jogging Track* u qal li l-Kunsill mhuwiex membru tal-GAL Xlokk u biex isir membru trid iħallas is-somma ta' €5000.00. Huwa qal li l-belt ta' Guzu fiċ-Ċina fejn il-Kunsill għandu ġemellagg għadhom għaddejjin bid-diskussjonijiet dwar il-possibilta' li dan il-proġett jidħlu għalih huma. Is-Sindku qal li minn informazzjoni li għandu dan il-proġett ser jiġi ffinanzjat mill-Kunsill Malti għall-Isports. Dwar il-proġett taz-zuntier tal-knisja l-Viċi Sindku qal li diġa kien hemm ftehim dwar ix-xogħol li kellu jsir biex isir aċċess għall-*hearse* u karrozzi tat-tiġijiet iżda għadu ma beda xejn. Ġie deċiż li għandu jintbagħt *reminder* lil awtoritajiet ikkonċernati dwar dan.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0442-15-I, il-Viċi Sindku nforma l-Kunsill li kien ser jattendi għall-*training session* li ser issir biex il-Kunsilli jingħataw *guidelines* għall-proposti fir-rigward ta' skema kulturali li jmiss.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0443-15-I fir-rigward tal-Kalendarju Kulturali għandha tintbagħt informazzjoni dwar ic-Chinese Film Festival li ser isir fi Ġnien is-Serenita' f'Awissu 2015.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0444-15-I il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba li saret minn skola primarja biex isir seminar fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li għanda tintalab kontribuzzjoni ta' €230.00 u jitħallas depositu ta' €232.00 bħala *caution money* skond klawzola 7.7 u 7.8.1 tal-Bye-Laws Prinċipali dwar l-Amministrazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0445-15-I il-Kunsill iddiskuta Memo 11-2015 dwar skema ta' restawr ta' postijiet storici u qabel li jerġa japplika għal din l-iskema biex isir restawr tal-kappella ta' Santa Luċija. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fis-sena 2010 diġa kienet saret stima tax-xogħol involut u jonqos biss li din tiġi riveduta biex tirrifletti l-prezzjijiet ta' llum.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0446-15-I il-Kunsill qabel li min jixtieq irressaq nominazzjonijiet fir-rigward tal-Peter Serracino Inglott Award għandu jagħmel dan fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0449-15-I il-Kunsill iddiskuta proposta ta' l-MFSS dwar *Community Work* mill-priġunieri li hemm fil-faċilita' korrettiva ta' Kordin. Il-Kunsill innota li diġa kienet saret laqgħa ma' uffiċċjali tal-pulizija dwar din il-proposta u l-unika problema biex din il-proposta tiġi fis-seħħ tibqa dik tat-trasport tal-priġunieri mill-faċilita' ta' Kordin sal-post tax-xogħol. Il-Kunsill innota wkoll li jidher li hemm il-possibilta' li din il-problema tiġi ndirizzata għaldaqstant talab biex jingħata sitt priġunieri biex jaħdmu fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel ukoll li jipprovdi *snack* li dawn il-ħaddiema waqt il-ħin tax-xogħol.

**3.15** B'referenza ghall-korrispondenza bin-numru 0450-15-I is-Sindku qal li ser ikun qed jiltaqa' ma' l-organizzatur ta' 2 Minds Event dwar proposta ta' attivita' fi Ġnien is-Serenita' relatata ma' ikel Ċiniż.

**3.16** B'referenza ghall-korrispondenza bin-numru 0452-15-I ġiet inutata offerta għal għajnuna volontarja minn persuna irtirata Malta li għandha esperjenza ta' diversi snin bħala *Koi Keeper*. Il-Viċi Sindku offra li jiltaqa' ma' din il-persuna dwar din l-offerta.

**3.17** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0525-15-I fejn il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal talba li għamel student ta' l-MCAST biex jiffilmja *music video* fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill qabel li m'għandux titħallas kontribuzzjoni għal dan il-permess iżda għandu jingħata *credit* lill-Kunsill ta' Santa Lucija.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Laqgħa mal-Ministru għat Trasport u Infrastruttura*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' l-Onor Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Infrastruttura li għaliha kienet preżenti wkoll is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u d-Direttur ta' Transport Malta u l-Perita Audrey Testaferrata De Noto. Is-Sindku qal li l-għan ta' din il-laqgħa kien li primarjament tiġi diskussa l-problema ta' l-għeluq tal-ħrug minn Santa Luċija għal fuq Xintill Roundabout. Huwa qal li Transport Malta qed tibqa ssoni li dan il-ħrug irid jingħalaq minħabba problema ta' *safety*. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa ġew ippreżentati mill-ġdid proposti tal-Kunsill biex ikun hemm ħruġ alternattiv li jista' jtaffi ftit din il-problema. Huwa semma l-proposta li tiġi rranġata Trejqet Garnaw li tagħti għal fuq Gudja Road biex dawk ir-residenti li jridu jmorru lejn Bulebel ma jkollhomx għalfejn jużaw dan il-ħruġ. Proposta oħra kienet dik li d-dħul minn Luqa Bye-Pass isir ħrug u dħul b'sistema bħal ma saret il-Mosta u li tidher li qed taħdem tajjeb. Is-Sindku qal li l-Perita Testaferrata De Noto ħadet nota ta' dawn il-proposti biex jiġu kkunsidrati minn Trasport Malta. Il-Kunsill qabel li l-Perita Testaferrata De Noto għandha tiġi mistiedna waqt laqgħa tal-Kunsill biex tagħti l-*feedback* dwar dawn il-proposti.

Is-Sindku qal li l-Ministru reġa' kkonferma li Transport Malta ser tkun qed tagħmel ir-*resurfacing* ta' Triq Peprin sa l-aħħar ta' din is-sena. Is-Sindku qal ukoll li ser jinħareġ avviż biex jinforma lir-residenti li fil-ħrug għal fuq Xintill Roundabout ser ikun hemm il-*wardens.*

### *4.2 Laqgħa ma' Rappreżentanti tal-Green Pak*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanti tal-Green Pak fejn ġew diskussi diversi inizjattivi li jistgħu jsiru biex titjieb il-koperazzjoni bejn Green Pak u l-Kunsill. Huwa ppreżenta wkoll rapport il-Green Pak Annual Report 2014 – Santa Luċija Recovery Results. Huwa qal ukoll li ser isiru diversi inizjattivi mmirati biex in-nies ta' Santa Luċija jilħqu *targets* stabbiliti fir-rigward ta' ġbir ta' skart riċiklabbli. Is-Sindku qal li kien talab biex fi Triq il-Ġibjun kantuniera ma' Triq Klematis terġa ssir Bring in Site.

### *4.3 Laqgħa ma' l-ELC Ltd.*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' Dr Ronald Cuschieri dwar l-andament tal-kuntratt li l-Kunsill għandu ma' l-ELC Ltd fuq manutenzjoni u tisbieh ta' ġonna. Huwa qal li waqt il-laqgħa tqajjmu diversi punti dwar x'titjieb jixtieq jara l-Kunsill fir-rigward ta' dan is-servizz. Huwa kompla jgħid li l-ewwel proposta li tqajjmet kienet dik li jerġa jkun hawn żewġ ħaddiema ta' l-ELC assenjati ma' l-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li kien ippropona li f'Santa Luċija jkun hawn aktar fjuri u

semma xi postijiet partikulari fejn jistgħu jinżraw aktar fjuri. Huwa qal ukoll li kien tkellem ma' l-ELC dwar il-possibilta' li fis-*soft areas* jiġu ffurmati tlett *logos* ta' Santa Luċija bil-fjuri. Huwa qal ukoll li semma l-problema ta' nuqqas ta' tisqija speċjalment fir-rigward ta' *pots* bil-pjanti li hemm fit-toroq. Is-Sindku qal li ELC Ltd ser ikunu qed jerġu jibgħatu kwotazzjoni biex jerġa jinżergħa t-*turf* fi Ġnien is-Serenita'.

### *4.4 Jum Santa Luċija Football Tournament*

Il-Kunsill qabel li jixtri t-*trophies* għat-*tournament* li jsir bħala parti miċ-ċelebrazzjnonijiet fl-okkażjoni ta' Jum Santa Luċija.

### *4.5 Kumpens għal użu ta' vettura personali ta' ħaddiem ta' l-ETC fuq xogħol tal-Kunsill.*

Is-Sindku ppropona li ħaddiem ta' l-ETC li juża l-karrozza tiegħu biex iġorr il-materjal mill-garaxx tal-Kunsill sas-sit fejn ikun ser isir ix-xogħol għandu jkun ikkompensat. Qamet diskussjoni dwar din il-proposta u saru ħafna kummenti dwar jekk hux ser jinħoloq preċedent u dwar kif u kemm għandu jkun dan il-kumpens. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ħaddiema tal-Kunsill dejjem użaw il-krieret provduti mill Kunsill biex isir dan it-tip ta' xogħol. Hija żiedet tgħid li jekk il-Kunsill jaqbel li dan il-ħaddiem jingħata kumpens, dan għandu jsir skond ir-rata għal użu ta' vettura personali għal xogħol uffiċċjali kif stabillita' bil-liġi.

### *4.6 Mozzjoni 01-2015*

Il-Viċi Sindku bħala l-membru tal-Kunsill responsabbli mill-Librerija Pubblika ta' Santa Luċija ressaq mozzjoni b'referenza għall-Memo 10-2015: Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta' ta' Librerija Lokali. Huwa ppropona li l-Kunsill joħroġ €600.00 biex jingħata somma ekwivalenti mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija l-massimu tas-somma li ser joħroġ id-Dipartiment taħt din l-iskema. Din il-mozzjoni ġiet sekondatata mis-Sindku u approvata mill-Kunsill.

### *4.7 Management Letter*

Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat lil Kunsill dwar il-Management Letter li nbgħatet mill-Awdituri tal-Kunsill dwar is-sena finanzjarja 2014. Hija qalet li ser tkun qed tħejji *draft* tat-tweġiba biex din tiġi approvata mill-Kunsill u titbgħat fiż-żmien stabbilit mill-liġi.

**4.8 Xoghol ta' Manutenzjoni fil-Playing Field**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni li tammonta ghas-somma ta €394.71 biex issir manutenzjoni fil-*playing field area* mill-ħaddiema tal-MSD. Il-Kunsillier Joe Bonello ippropona li fil-*playing field* tinxtara bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

***4.9 Harga Kulturali***

Il-Viċi Sindku qal li kien ser jorganizza ħarġa kulturali fejn ser jieħu madwar 30 resident għal żjara fiċ-Ċentru Kulturali Ċiniż u ser iżuru wkoll il-Parlament il-ġdid. Huwa qal li din il-ħarga ser issir nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015.

***4.10 Manutenzjoni f'Dawret it-Torri***

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-*gutters* li hemm f'Dawret it-Torri mhux illeħħqu ma' l-ilma tax-xita u pproponiet li jsir *surface gutter* ieħor. Il-Viċi Sindku qal li *gutters* iridu jiġu mnaddfa u l-perit għandu jiġi nkarigat biex jara kif jista' jsir qlib minn *gutter* għall-ieħor. Il-Kunsilliera Galea qalet ukoll li hemm problema oħra fil-bidu ta' Triq Prinjoli kantuniera ma' Dawret it-Torri fejn ukoll qed iżomm ħafna ilma.

Il-Kunsilliera Galea rreferit għat-trianglu f'Dawret it-Torri u qalet li l-karozza tal-linja mhux qed iddur komda. Hija ssugerit li issir olterazzjoni fuq il-parti ta' fejn iduru l-karozzi li minn Triq Prinjoli jiġu għal ġo Dawret it-Torri. Il-Kunsill qabel li għandu jinkariga lil-perit tal-Kunsill biex jara x'jista' jsir u tinġieb kwotazzjoni ta' l-ispiża nvoluta.

***4.11 Signs fl-entraturi ta' Santa Luċija***

Il-Kunsilliera Galea rreferit għas-*signs* li hemm fl-entraturi f'Santa Luċija u qalet li dawn għandhom bżonn jiġi rinovati peress li ċċaraw ħafna. Il-Kunsill qabel li din l-ispiża tista ssir mill-fondi fuq *traffic management* lir-Reġjun qed jalloka għal kull lokalita'.

***4.12 Post il-Gladjoli***

Il-Kunsilliera Galea rreferit għas-*soft area* li hemm f'Post il-Gladjoli u qalet li din l-area qed tigi abbuzata b'rimi ta' skart li qed jinħeba taħt l-arbuxxel li hemm fiċ-ċanta tal-ħamrija li tmiss ma Triq Gardenja. Hija pproponiet li jitla' ċint madwar din iċ-ċanta u jinżraw fjuri. Il-Viċi Sindku qal li jekk jitla' ċint iżjed hemm riskju li

jarmu skart warajh. Huwa qal li l-arbuxxell għandu jinżamm ipprunjat biex l-*area* tinżamm aktar nadifa.

### 4.13 Trasport Pubbliku

Qamet diskussjoni dwar l-andament tat-trasport pubbliku b'mod partikulari għal fatt li meta il-karozza tal-linja tasal mill-belt tagħmel ħin konsiderevoli fuq it-Terminus fi Triq Ġuljetta Lopez qabel ma tkompli ddur ma' Santa Luċija, bil-konsegenza li minn ikun irid jinżel lejn *neighbourhood one* irid joqgħod jistenna. Il-Viċi Sindku qal li minħabba t-*tracking* il-karozza trid toqgħod wieqfa fil-venda. Il-Kunsilliera Galea qalet li jista jsir *fine tunning* tar-rotta u pproponiet li din iddur bil-kontra. Il-Viċi Sindku qal li din mhix possibli ghax l-*istages* jiġu fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Il-Kunsillier Sciberras issuġerixxa li l-ħin li l-karozza tal-linja tagħmel fuq il-venda jista' jinqasam billi tagħmel ħames minuti fuq il-venda u ħames minuti fl-aħħar *stage*. Il-Viċi Sindku qal li diġa sar dan is-suġġeriment u Trasport Malta kellhom jikkunsidrawh. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti aktar ma' Trasport Malta dwar dawn il-proposti.

### 4.14 Xogħol ta' Manutenzjoni

Il-Kunsillier Joe Bonello semma xi xogħol li kellu jsir u li għadu ma sarx. Huwa rrefera għal *bollards* tal-konkos li kellhom jitneħħew fi Triq Margeriti u għaċ-ċint li kellu jiġi rrangat u jiġu nstallati *bollards* fi Triq Tursin il-Bir. Ġie propost li ssir *bollard* bejn Triq l-Għansar u Triq Lellux.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5576 sa numru BOV 5628 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn l-1 ta' April 2015 u t-30 ta' April 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 01-15(05-05-2015)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' April 2015 Ammont *Gross* €5373.20

Salarji għax-xahar ta' Mejju 2015 Ammont Gross €5498.62

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **Ewro** |
|---|---|---|---|
| Ronald Bezzina | BR(57-12-03) | 22 | 358.80 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 43/2015 | 2470.00 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 44/2015 | 81.70 |
| Ronald Caruana | BR(57-12-03) | 33 | 313.95 |

### *5.4 Approvazzjoni għal xiri ta' pompi funtana ġodda*

Il-Kunsill approva kwotazzjoni għall-ammont ta' €485.00 biex tinxtara pompa għall-funtana fi Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill approva kwotazzjoni oħra għal xiri ta' pompa għall-funtana ta' Pjazza 7 ta' Lulju. Il-Kunsill ġie nfurmat li parti minn din l-ispiża ser titħallas mis-somma ta' €1000.00 li ser tingħata mir-Reġjun Nofsinhar bħala donazzjoni għal użu ta' Ġnien is-Serenita' bħala *venue* għall-Laqgħa Generali ta' kull sena.

## 6. KARIGI TAL-KUNSILLIERA

Il-Kunsill iddiskuta l-karigi l-ġodda tal-Kunsilliera eletti fl-elezzjoni lokali li saret f'April 2015. Il-Kunsill approva l-karigi kif jidhru fil-lista kif ġej:

| |
|---|
| ***Sindku:*** **Terrence Ellul – PL** |
| Żgħażagħ u<br>Sports, NGO's, Edukazzjoni<br>Ppjanar ta' Żvilupp (Żoni Urbani u Rurali), Proġetti Ġodda, MEPA<br>Ġonna Pubbliċi,<br>Social Housing,<br>Ġemellaġġi u Relazzjonijiet ma' Pajjiżi Barranin inkluż tal-UE<br>Fondi, Programmi u Proġetti EU<br>Pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (Newsletter) |

| |
|---|
| ***Viċi Sindku:*** **Frederick Cutajar – PL** |
| Librerija Pubblika, Relazzjonijiet Pubbliċi, Chinese Affairs, Reġjun Nofsinhar, Kultura<br>Ħarsien tal-Wirt Storiku u Monumenti |

| |
|---|
| ***Kunsillier:*** **Liam Sciberras – PN** |
| Ugwaljanza fil-Komunita'<br>Relazzjonijiet ma' l-Awtoritajiet Eklesjastiċi, Liċenzji tal-Kummerċ,Rikrejazzjoni,<br>Ambjent (Indafa Pubblika, etċ.) |

| |
|---|
| ***Kunsillier:*** **Caroline Galea – PN** |
| Trasport<br>Sanita u Ċentru tas-Saħħa<br>Manutenzjoni Toroq u Bankini<br>Protezzjoni tal-Konsumatur |

| |
|---|
| ***Kunsillier:*** **Joseph Bonello – PL** |
| Ordni Pubblika<br>Qasam Soċjali u Welfare<br>Saħħa u Anzjani<br>Servizzi għal Persuni bi Bżonnijiet Speċjali<br>Laison mal-Partiti Politiċi |

## 7. SEJĦA GHALL-OFFERTI Ref: SS(57-15-01)

Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li ntefgħu għas-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet għalqet nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2015 u li nfetghu nhar is-Sibt, 9 ta' Mejju 2015. Lista bid-dettalji ta' l-offerti li ntefgħu ġiet ippreżentata quddiem il-Kunsill.

***Comparison table as per Bills of quantities submitted for Manual Sweeping***

| | *Number of workers* | *Total number of hours per week on the provision of this service* | *Annual Sum Euro* |
|---|---|---|---|
| ***Premier Cleaning Ltd*** | *3* | *Not specified* | *19,268.00* |
| ***Manjon Environmental Services*** | *Not Specified* | *Not specified* | *22,302.00* |
| ***Joseph and Spiridione Zammit*** | *2* | *48 hours* | *21,836.49* |
| ***Carmelo Gauci*** | *2* | *72 hours* | *18,500.00* |
| ***Innovative Project Ltd.*** | *Not specified* | *Not specified* | *11,988.00* |
| ***Christopher Bezzina*** | | | *16,235.00* |
| ***Ronald Bezzina*** | *2* | *40 hours* | *12,500.00* |
| ***Owen Borg*** | | | |
| ***Option 1*** | *2* | *? hours* | *14,395.00* |
| ***Option 2*** | *2* | *40+? hours* | *19090.00* |
| ***Option 3*** | *2* | *80 hours* | *28,790.00* |
| ***WM Environmental Ltd*** | *2* | *Not specified* | *14,700.00* |

Il-Kunsill innota li erbgħa mid-disgħa kuntratturi ssottomettew in-numru ta' siegħat li ser jiddedikaw lil dan is-servizz kif kienu obbligati jagħmlu taħt klawsola numru 10 ta' l-i*Statement on Condition of Employment* li kien parti mid-dokument tat-tender. Dawn kienu:

- Joseph u Spiridione Zammit
- Carmelo Gauci
- Ronald Bezzina
- Owen Borg (Option 3 biss)

Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur Carmelo Gauci kien jidher li kellu l-aħjar offerta meta tqis in-numru ta' siegħat li kien ser jiddedika fuq dan il-kuntratt. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' dan il-kuntrattur biex jiddiskuti miegħu kemm l-offerta kif ukoll is-servizz.

## 8. TRIQ IL-ĠNIEN

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kont dettaljat li jirrifletti il-kejl tax-xogħol kollu li sar fi Triq il-Ġnien. Huwa qal li jirriżulta' li hemm diskrepanza ta' €63,901.21 bejn l-istima u l-kont attwali. Huwa qal li r-raġunijiet principali huma x-xogħol relatat mat-tiswija tal-*gutter* li nstab taħt il-wiċċ tat-triq u l-fatt li li fil-waqt li fil-*Bill of Quantities* tad-dokument tat-*tender* kien jindika *surface area* ta' 2152.50 metru kwadru, meta tkejjel ix-xogħol irriżulta li kien hemm 3332.72 metru kwadru. Is-Sindku qal li l-perit tal-Kunsill ħejja rapport fuq *excel sheet* li jispjega fid-dettal ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment biex jikkunsidra li l-ftehim li għandu mal-Kunsill fir-rigward ta' l-iskema tal-PPP japplika għall-ispiza kollha nvoluta fuq it-tlett toroq.

## 9 *DAY CARE CENTRE GĦALL-ANZJANI*

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar zviluppi fir-rigward tal-proġett tad-Day Care Centre,

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt laqgħa li saret mal-persuna li ser tkun uffiċċjalment inkarigat mid-*day care centre*, ġew identifikati xi pendenti li baqgħa jsiru biex ikun jista' jibda jingħata s-servizz. Hija qalet li l-Kunsill qed jintalab jagħmel *cupoards* tal-kċina u erbgħa mwejjed oħra u sittax il-siġġu ieħor. Il-Viċi Sindku qal li fil-legislatura preċedenti diġa kien ġie jkejjel mastrudaxxa biex il-Kunsill ikollu stima ta' l-ispiża nvoluta. Rigward is-siġġijiet u mwejjed huwa qal li hemm il-possibilta li dawn jinġiebu miċ-Ċina biex ikunu pariġġ l-oħrajn li diġa hemm fit-Tea Room. Huwa ppropona li idealment għalissa dawn is-siġġijiet u l-imwejjed għandhom jinkrew. Il-Kunsill qabel li jinkrew erba' mwejjed u sittax 'il siġġu.

**10. TMIEM/AĠĠORNAMENT**

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 10 ta' Ġunju 2015 fil-5.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum** <u>…………………,**...... ta' ......................… 2015**</u>

**Terrence Ellul**
**Sindku**